# 19. Il-Bagħal tas-Sienja

Ix-xemx ma raha qatt, lanqas il-qamar,
iżda ra biss il-għamad fuq għajnejh;
ħsejjes ħelwin ma sema' ħlief tas-sienja
ir-roti msadda jżarżru ġo widnejh.

U qatt ma daq ħlewwiet, daq biss ftit tiben,
u ħruġ ma ħareġ qatt, 'mma biss dawrien
madwar l-ispera; ħajtu sfat merdugħa
tul sekli sħaħ tas-sienja mis-sidien.

U bħalek, ja Bagħal ġwejjed, kemm miljuni
ta' nies għaddew ħajjithom fit-tbatija!
kemm ġuħ, kemm għatx, kemm għeja u wġigħ, kemm dwejjaq
mis-sema raw il-kwiekeb kull fl-għaxija!